MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 546/2004

**Charles Pace (ID 554352 M) u martu Maria Carmela Pace; u Joseph Zammit (ID 603750 M) u martu Olympia Zammit.**

**vs.**

**Gelati Limited.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Lulju 2004 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi ghamlu avvanz ta' flus *brevi manu* lis-socjeta' konvenuta b'titolu ta' self ammontanti ghas-somma globali

ta' hamest elef, hames mija erbgha u erbghin Lira Maltija (Lm5,544) liema avvanz jirrizulta anke' mill-kotba tas-socjeta' konvenuta stess;

Illi s-socjeta' konvenuta hija obbligata tirrestitwixxi lill-atturi s-somma mislufa lilha;

Illi s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas lill-atturi din is-somma minkejja li l-imsemmija somma hija dovuta minnha lill-istess atturi.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef, hames mija erbgha u erbghin Lira Maltija (Lm5,544) dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-atturi ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment ma' din c-citazzjoni u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumentI esebiti a fol. 4 u 5 tal-process fejn a fol. 5 tal-process hemm dikjarazzjoni b'e-mail minn Paul McKenna ta' *Deloitte & Touche* datata 28 ta' April 2004 fejn:-

*"Charles,*

*This is confirm to you that the amounts due by Gelati Limited as at 31.12.2003 as per trial balance amounted to:*

*C. Pace: Lm2,772 credit.*
*J. Zammit: Lm2,772 credit*

*Regards,*

*Paul McKenna*

*Deloitte & Touche"*

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-5 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2004 quddiem il-Qorti hekk kif diversament presjeduta a fol. 13 tal-process, fejn deher l-attur Charles Pace u ghan-nom ta' l-atturi u ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Dicembru 2004 ghan-notifika bl-atti tas-socjeta' konvenuta.

Rat ir-rikors ta' l-attur Charles Pace *et* datat 8 ta' Novembru 2004 a fol. 14 fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna illi s-socjeta' konvenuta "Gelati Limited" tigi notifikata bl-imsemmija citazzjoni u l-atti l-ohra relattivi permezz tal-procedura ta' l-affissjoni billi titwahhal kopja ta' l-imsemmija citazzjoni u l-atti l-ohra relattivi mal-bieb ta' l-indirizz ufficjali tas-socjeta` konvenuta "Gelati Lmited", u billi titwahhal kopja ta' l-imsemmija citazzjoni u l-atti l-ohra relattivi fil-post fid-distrett fejn is-soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi c-citazzjoni u l-atti l-ohra relattivi jinhargu fil-qosor fil-Gazetta tal-Gvern u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skond kif il-Qorti tiddeciedi; u l-Qorti kif divversament presjeduta laqghet it-talba fit-terminu ta' l-**artikolu 187 (3) Kap 12** bid-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2004 a fol 15 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 24 ta' Novembru 2004 a fol 17 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante:-*

1. Illi l-allegazzjoni ta' self *brevi manu* hija inveritjera.

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ma kellhom ebda relazzjoni mas-socjeta' eccipjenti fis-sens li ma kienux *shareholders* ta' l-istess u b'hekk aktar u aktar ma seta' jsir ebda self jekk mhux awtorizzat mill-Bord ta' Diretturi jew b'rizoluzzjoni tax-*Shareholders.*

3. Illi subordinament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk kemm-il darba l-atturi avvanzaw xi flus dan sar minghajr ebda ftehim jew kunsens jew konoxxenza tad-diretturi u/jew *shareholders* kollha, u;

4. *Inoltre*, subordinament u bla pregudizzju ghall-premess s-socjeta' esponenti kellha diversi assi u makkinarju li setghet taghmel tajjeb ghal xi dejn li kellha u kwindi ma kien hemm il-htiega ta' ebda "self".

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 18 u 19 tal-process.

Rat l-avviz migjub kif mitlub fir-rikors tat-8 ta' Novembru 2004, fil-Gazetta tal-Gvern a fol 20 tal-process u dan datat 23 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tas-7 ta' Dicembru 2004; u tal-15 ta' Frar 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Xehed **Charles Pace** fejn ipprezenta l-affidavit tieghu stess flimkien ma diversi dokumenti mmarkati bhala Dok "A" sa Dok "I" kollox minn fol 26 sa 46, u ta' **Joseph Zammit** (konferma ta' l-istess affidavit a fol 30). Dr Ivan Gatt ghas-socjeta` konvenuta ta ruhu b'notifikat bid-dokumenti esebiti *seduta stante* u li nghatatlu kopja taghhom. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' April 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi ta' l-atturi.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' April 2005 (fol 49) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher Dr. J Scerri Diacono ghall-attur prezenti u Dr Ivan Gatt ghas-socjeta' konvenuta u rapprezentant ta' l-istess. Ta x-xhieda tieghu **Michael Rizzo** prodott mill-attur u pprezenta erba' dokumenti mmarkati bhala Dok. "R1", Dok "R2", Dok. "R3" u Dok. "R4" kollox kif jidher minn fol 50 sa fol 124 tal-process. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi ta' l-atturi ghall-11 ta' Mejju 2005; tal-11 ta' Mejju 2005; tat-23 ta' Gunju 2005 fejn deher Dr

Ivan Gatt ghas-socjeta’ konvenuta li nforma lill-Qorti li l-kawza giet transatta. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur, u l-kawza giet differita ghall-11 ta’ Novembru 2005 ghall-possibbli transazzjoni; tal-11 ta’ Novembru 2005 (fol 129) fejn deher Dr Jotham Scerri Diacono ghall-atturi prezenti li nforma l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Jannar 2006 ghall-konkluzjoni tal-provi ta’ l-atturi.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti attwalment presjeduta datata 18 ta’ Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-23 ta’ Frar 2006 a fol 131 tal-process fejn deher Dr Jotham Scerri Diacono ghall-atturi. Prezenti Charles Pace. Is-socjeta’ konvenuta u d-difensur taghha Dr Ivan Gatt issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed **Josef Pace** prodott mill-atturi (fol 133 sa 138). Dr Scerri Diacono ghall-atturi ddikjara li f’dak l-istadju l-atturi ma kellhomx izjed provi u l-kawza giet differita ghall-finali trattazjoni ghad-9 ta’ Mejju 2006.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Mejju  a fol 139 tal-process fejn deher Dr. Jotham Scerri Diacono ghall-atturi; s-socjeta’ konvenuta u d-difensur taghha Dr. Ivan Gatt imsejjhin diversi drabi baqghu ma dehrux u Dr. Dr. Jotham Scerri Diacono talab li l-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-31 ta’ Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II.   KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f’din il-kawza l-atturi qed jitolbu li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lilhom l-ammont ta’ Lm5,544 rappresentanti ammont ta’ flus mislufa taht titolu ta’ self brevi manu mill-atturi Charles Pace u Joseph Zammit lis-socjeta’ konvenuta.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet registrata fis-sena 1992 bejn Anthony Schembri u s-socjeta' World Wide Import Export Limited, b'dan li l-azzjonisti ta' din l-ahhar socjeta' msemmija huma proprju l-atturi Charles Pace u Joseph Zammit, u d-diretturi tal-kumpanija kienu l-istess attur u Joseph Zammit (Dok. "A"). Jidher li l-istess socjeta' bdiet topera b'investiment li sar fiha principarjament mis-socjeta' World Wide Import Export Limited, u ghalkemm jidher li sar profitt biss mis-sena 1996, fin-1997 kien inhass il-bzonn li jinbidlu l-kontenituri – *ice cream tubs* – li fihom l-istess socjeta' kienet tbiegh il-gelati u jidher li inhadet din id-decizjoni b'*board meeting* tas-socjeta' konvenuta datat 30 ta' Settembru 1997 – Dok. "I"  - fol. 42). Jirrizulta li d-direttur l-iehor Anthony Schembri kien qabel ma' dan u anke ghamel il-proposti tieghu dwar id-disinn kif jidher mid-Dok. "J" u jirrizulta wkoll li l-istess socjeta' konvenuta, u dan anke mill-minuti stess tal-laqgha msemmija, ma kellhiex fondi sabiex tixtri l-istess kontenituri li kienu jqumu 13,700 lira sterlina, ekwivalenti ghal cirka Lm9,926, izda dawn fil-fatt inxtraw minghand id-ditta Polar Cup Limited kollox kif jinsab indikat minn Dok. "C" u Dok. "B".

Illi sabiex inxtraw dawn il-kontenituri kien sar ftehim li l-parti kbira ta' dawn il-flus fl-ammont ta' Lm9,143 jinhargu mill-atturi Charles Pace u Joseph Zammit b'titolu ta' self lis-socjeta' konvenuta ghaliex altrimenti s-socjeta' konvenuta ma setghatx tixtri l-istess apparat u fil-fatt hekk sar tant li l-istess ammonti bdew jiddahhlu bhala passiv tal-kumpanija mid-data ta' meta fil-fatt sar fis-sena 1998 u dan jinsab dokumentat minn kopja tal-*Ledger* esebita bhala Dok. "H" - a fol. 41 tal-process fejn hemm indikati *"F1075 LOAN RE POLAR CUP TUBS      9143.9811".* L-atturi Charles Pace u Joseph Zammit jikkonfermaw li l-istess kreditu taghhom kien indikat fl-*accounts* tal-kumpanija inkluzi taht it-titolu *"creditors : amounts falling due within one year"* u dan fil-kopja ta' l-*accounts* tas-socjeta' konvenuta anke ghas-snin 1998, 1999, 2000, u 2001 li jinsabu esebiti bhala Dok. "D", Dok. "E" u Dok. "F" fil-process; l-ammont kellu jithallas lura mill-profitti jew ahjar il-bejgh tal-prodotti taghha li kienet taghmel is-socjeta' konvenuta u jidher li dan l-hlas lura beda jsir tant

li l-bilanc miltub llum huwa ta’ Lm5,544 maqsum bejn l-atturi Charles Pace u Joseph Zammit. Ovvjament dan sar kollu bi ftehim bejn l-istess Charles Pace, Joseph Zammit u Anthony Schembri diretturi tas-socjeta’ konvenuta; dan kollu kien jirrizulta mill-*accounts* tal-kumpanija li gew awditjati u qatt kontestati mill-istess Anthony Schembri jew b’xi mod iehor mis-socjeta’ konvenuta.

Illi dan l-ammont bilancjali ta’ self brevi manu jinsab ikkonfermat ukoll mid-dokument mahrug minn Paul McKenna ghad-ditta *Deloitte & Touche* datat 28 ta’ April 2004 a fol. 5 (kopja wkoll esebita bhala Dok. “G” – fol.40) tal-process, li huma d-ditta ta’ awdituri tas-socjeta’ konvenuta u dan jinsab hawn riportat u fejn jinghad li:-

*“Charles,*

*This is confirm to you that the amounts due by Gelati Limited as at 31.12.2003 as per trial balance amounted to:*

*C. Pace: Lm2,772 credit.*
*J. Zammit: Lm2,772 credit*

*Regards,*

*Paul McKenna*
*Deloitte & Touche”*

Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta’ Michael Rizzo rappresentant tad-ditta *Deloitte & Touche* fix-xhieda tieghu tal-5 ta’ April 2005 u mid-dokumenti minnu esebiti bhala *audited accounts* tas-socjeta’ konvenuta ghas-snin 1998, 1999, 2000 u 2001 u mmarkati bhala Dok. “R1”, Dok. “R2”, Dok. “R3” u Dok. “R4” li gew iffirmati mid-diretturi kollha tas-socjeta’ konvenuta u mill-awdituri stess. Fil-fatt dwar l-ammont mertu tal-kawza odjerna l-istess xhud jghid li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li din kienet *loan* ta’ l-atturi Charles Pace u Joe Zammit u li l-istess ammont baqa’ ma thallasx (fol. 52 u 53) u ikkonferma wkoll id-Dok. “G” mahrug minn Paul McKenna ta’ l-istess ditta ta’ awdituri. Skond Josef Pace l-istess awdituri kienu jagixxu bhala tali mas-socjeta’ konvenuta sas-sena 2001.

F’dan il-kuntest din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-istess atturi ssodisfaw l-oneru ta’ prova li kien jinkombi fuqhom.

Illi abbazi tal-premess jidher li l-allegazzjonijiet u talba attrici giet ippruvata u jidher car li l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, maghmula minn Anthony Schembri li halef id-dikjarazzjoni annessa ma’ l-istess, ma tista’ tigi accettata, anzi mill-provi jidher car li l-istess azzjonijisti u diretturi tas-socjeta’ konvenuta, u allura l-imsemmi Anthony Schembri kien jaf b’dan kollu u ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici qed tigi milqugha u l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ hamest elef, hames mija erbgha u erbghin lira maltija (Lm5,544) dovuti mis-socjeta’ konvenuta lill-atturi bhala bilanc minn somma akbar rappresentanti self *brevi manu* maghmul lis-socjeta’ konvenuta mill-atturi ndikati kif premess fic-citazzjoni attrici u hawn deciz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Qbid prezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici u bl-imghax kummercjali mill-31 ta’ Dicembru 2003 sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------